**290. L-Onor Gavin Gulia, u l-Onor Noel Farrugia, ipproponaw :-**

Billi minħabba li matul il-ġimgħa li għaddiet, madwar 60 mil fil-Lbiċ ta' Malta, għadd ta' sajjieda Maltin u Għawdxin għaddew minn esperjenzi koroh ta' biża' u ta' intimidazzjoni hekk kif spiċċaw biex tilfu l-konzijiet tagħhom meta sajjieda barranin invadew iż-żona fejn kienu qegħdin jistadu u baqgħu għaddejjin bit-*tug boats* tagħhom minn fuq l-istess konzijiet u kkaġunawlhom ħsarat estensivi;

Billi s-sajjieda tat-tonn barranin matul dawn l-aħħar ġimgħat kemm-il darba ppruvaw ifixklu u jħarbtu lis-sajjieda Maltin u Għawdxin waqt li jkunu qegħdin jistadu għat-tonn;

Billi s-sajjieda Maltin u Għawdxin jistadu għat-tonn b'sistemi silettivi u mhux distruttivi kif tradizzjonalment dejjem għamlu;

Billi kull meta s-sajjieda Maltin u Għawdxin isibu lilhom infushom f'dawn is-sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni u tfixkil ma jkollhom ebda protezzjoni aktar għaliex jispiċċaw invaduti minn numru kbir ta' bastimenti ta' sajjieda barranin;

U billi għadd ta' sajjieda Maltin u Għawdxin mhux qegħdin ikunu jistgħu jaħdmu minħabba l-imġieba tas-sajjieda barranin u għalhekk qed jiġu kostretti jidħlu lura Malta mingħajr ebda qabda u b'hekk qegħdin jiġu mhedda x-xogħol u l-għajxien tagħhom;

Billi s-sajjieda Maltin u Għawdxin qegħdin iħossu li s-sitwazzjoni qiegħda taggrava minn sena għall-oħra;

Għalhekk, filwaqt li l-Kamra turi solidarjeta' mas-sajjieda Maltin u Għawdxin għal dak kollu li qegħdin iġarrbu u filwaqt li tikkundanna l-inċidenti li seħħew fuq il-baħar matul dawn l-aħħar ġimgħat, tħeġġeġ lill-Gvern Malti u lill-awtoritajiet konċernati sabiex mill-aktar fis u għall-ġejjieni jieħdu dawk il-passi u l-miżuri kollha opportuni sabiex waqt il-ħin tas-sajd, u partikolarment fl-istaġun tat-tonn, jiġu mħarsa d-drittijiet tas-sajjieda Maltin u Għawdxin u sabiex tingħatalhom il-protezzjoni kollha meħtieġa fuq il-baħar kemm lill-persuna tagħhom kif ukoll lill-bastimenti, it-tagħmir u l-irkaptu tagħhom, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali u dan sabiex jiġu evitati inċidenti simili u biex ikun garantit ix-xogħol u l-għajxien tas-sajjieda Maltin u l-Għawdxin kollha.

24.06.02